MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 08

Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

08.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

### 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

08.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 07 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

08.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

08.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

08.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li fil-passat kienet saret talba mir-residenti ta' T/Ġ fi Triq il-Qsajjem lill-Kunsill sabiex din it-triq tingħata wiċċ bl-asfalt għall-ewwel darba. Is-Sindku spjega li din it-talba l-Kunsill kien irreferiha lill-Ministeru Għal Għawdex, pero dan ix-xogħol baqa' ma sarx.
Is-Sindku informa lill-membri li resident talab lill-Kunsill Lokali li jekk id-diffikulta sabiex tiġi asfaltata t-triq tirrigwardja li din mhix pubblika, il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jikkunsidra li ssir esproprijazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li jressqu din it-talba lill-Ministeru Għal Għawdex.

.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 08.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

08.4.1 Il-Kunsillier, John Cassar ressaq ilment sabiex jiġu rranġati l-arbli tad-dawl ta’ Triq Marziena liema arbli daru bir-riħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota ta’ dan l-ilment u ser iressqu lill-Kunsill Lokali tax-Xewkija li huma responsabbli mid-dawl ta’ dik il-parti tat-triq fejn jinsabu dawn l-arbli msemmija.

Is-Sur Cassar reġa qajjem il-punt tal-magna tal-flixken tal-BCRS biex jibda jingħata servizz fil-lokalita’ tal-Munxar. Is-Sindku wieġeb li ġie mgħarraf mill-aġenzija Circular Economy Malta li din it-talba qiegħda tiġi kkunsidrata imma m’għandu l-ebda konferma jew komunikat uffiċċjali.

## 08.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita’;

08.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li b’rabta mal-proġett ta’ *Xlendi Smart Waste Depot* li se jkun qed jilqa’ fih skart kummerċjali, saret laqgħa mar-rapreżentanti tal-aġenzija Circular Economy Malta flimkien mas-sidien tal-istabilimenti kummerċjali, fejn ġie spejagat il-proċess u kif ser titħaddem din is-sistema. Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-kuntratt mal-kollettur ta’ dan l-iskart ser jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin wara li ġie konkluż il-proċess tas-sejħa għall-offerti. Dan il-proġett mistenni jibda jitħaddem fix-xahar ta’ Jannar 2025

08.5.2 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill kellu jikkanċella l-attivita’ tal-Milied li kienet ser issir fil-pjazza nhar il-15 ta’ Diċembru 2024 minħabba l-maltemp. Huwa fakkar lill-membri dwar l-attivitajiet tal-Milied li ser iseħħu fil-jiem li ġejjin fosthom it-tqassim tar-rigali għat-tfal minn *Father Christmas* u tqassim ta’ ikla lill-anzjani u nies vulnerabbli nhar il-25 ta’ Diċembru; il-ħarġa soċjo-kulturali għall-familja kollha ġewwa Għawdex fejn inżuru diversi presepji u wirjiet tal-Milied fix-Xagħra bit-*trackless train* nhar is-26 ta’ Diċembru; u l-ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u l-film ġewwa Citadel Cinema nhar is-27 ta’ Diċembru.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 08.6 Approvazzjoni tal-*Performance Appraisals* 2024 tal-impjegati tal-Kunsill;

08.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li hejja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ, jiġifieri ta' 10%.

08.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-iskrivana Nicholette Attard u tal-Assistent Prinċipali Kimberly Spiteri għas-sena 2024. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 6% għal dawn l-impjegati.

## 08.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2025;

08.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2025 liema rapport intbagħat wkoll lill-membri permezz ta' *email*.
L-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 08.8 Pjan ta' Ħidma ta' Ħames Snin (*5 Year Business Plan*);

08.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 59 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali għandu jħejji u jiddiskuti Pjan ta' Ħidma li jkopri ħames snin dwar it-tħaddim, il-proġetti u l-finanzi tal-Kunsill Lokali sabiex jipprovdu qafas għall-*budgets* annwali tal-Kunsill Lokali.

08.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pjan ta' ħidma għall-ħames snin 2025-2029 liema rapport intbagħat wkoll lill-membri permezz ta' *email*.

08.8.3 Wara diskussjoni bejn il-membri, il-Pjan ta' Ħidma ta' Ħames Snin (*5 Year Business Plan*) ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 08.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

08.9.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Lokline Malta b'talba sabiex isir filming fl-inħawi ta' Sanap Cliffs. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti u għaldaqstant ser jiġu ggwidati biex japplikaw għall-permess.

08.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-sezzjoni tal-Information Management Unit fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar inizjattiva sabiex jiġu ppreservati u esposti ritratti antiki dwar il-lokalita'. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti sabiex ikun hemm din il-kollezzjoni bħala parti mill-*website* tal-Kunsill Lokali.

08.9.3 Ċirkulari LGD Numru 06/2024 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.9.4 PQ 22788 – Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Uffiċċjali li qed jiffaċjaw proċeduri kriminali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

08.9.5 PQ 22734 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Konsulenti Maltin u Barranin. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

08.9.6 PQ 22716 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Sponsorships u donazzjonijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

08.9.7 Ċirkulari Nru AKL 2024/082 – Conference Invite: Safeguarding the human rights of older persons. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.9.8 Ċirkulari Nru AKL 2024/083 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din il-polza terġa' tiġġedded.

08.9.9 Ċirkulari Nru AKL 2024/085 – Invitation to Sport Malta Conference. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.9.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/086 – LCA Network: "Just Cities: Climate adaptation and justice through stakeholder participation". Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

08.9.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/087 – Exchange of Christmas Greetings. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.9.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/088 – Exchange of New Year Greetings. Il-Kunsill innota l-kontenut.

08.9.13 Ilment 57/2024
Resident jitlob sabiex jitneħħew *double yellow lines* quddiem entratura ta' blokk appartamenti fi Triq Żirżieb fix-Xlendi minħabba li d-*double yellow lines* li saru fil-ġnub tal-garaxx ta' ħdejn din l-entratura m'għandhomx ikunu hemm għax dak mhux garaxx iżda rreġistrat bħala ħanut mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Wara verifiki li saru mill-Kunsill Lokali dwar dan l-ilment, kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn id-*double yellow lines* jitneħħew.

08.9.14 Ilment 58/2024
Residenti ta' blokk appartamenti fi Triq Puniċi fix-Xlendi jitolbu sabiex isiru *double yellow lines* quddiem garaxx faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet tagħhom minħabba li x'ħin qed jipparkja sid il-garaxx quddiem il-garaxx tiegħu stess ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-garaxxijiet tagħhom. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li għanda tinstab soluzzjoni għal dan l-inkonvenjent u jintlaħaq ftehim mas-sid tal-garaxx tal-faċċata.

08.9.15 Ilment 59/2024
Residenta tilment dwar żgombru fuq il-bankini fi Triq Puniċi fix-Xlendi fosthom żiemel tal-ħwejjeġ fejn xi residenti oħra qed joħorġu jonxru l-ħwejjeġ tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

08.9.16 Ilment 60/2024
Residenta tissuġġerixxi sabiex jiġu nstallati dog bins fi Triq Munxar u jsiru aktar tabelli biex il-klieb jinżammu biċ-ċinga meta jinħarġu fit-toroq. Wara diskussjoni bejn il-membri, ħareġ il-fatt li jekk jiġu nstallati dog bins ħdejn ir-residenzi, il-Kunsill jibda jirċievi ilmenti dwarhom. Madanakollu kien hemm qbil biex il-Kunsill jipprova jsib post addattat.

Kunsill Lokali Il-Munxar

08.9.17 Ilment 61/2024
Residenta tilmenta li l-iskart tal-ħġieġ mhux qed jinġabar regolarment minn Triq L-Andrijiet fil-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li kellem lill-kollettur irriżulta li l-ħġieġ ma kienx qed jinħareġ ġol-kontenitur provdut minn WasteServ Malta Ltd jew ġo kontenitur ieħor riċiklabbli iżda kien qed jinħareġ ġo kaxxa tal-kartun.

08.9.18 Ilment 62/2024
Resident jitlob sabiex jerġgħu jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq Żirżieb k/ma Triq Ranċis fix-Xlendi għax m'għadhomx jidhru. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 08.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

08.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 08/2024-9 għall-perjodu bejn it-22 ta' Novembru 2024 u d-19 ta' Diċembru 2024 li tammonta għal €23,472.95 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

## 08.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

08.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Jannar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar